



---

*Dokument ta' sessjoni*

---

**A9-0173/2024**

9.4.2024

# **RAPPORT**

dwar il proposta għal deċizzjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati – EGF/2024/000 TA 2024 – Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni  
(COM(2024)0084 – C9-0042/2024 – 2024/0003(BUD))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Margarida Marques

**WERREJ**

|  | <b>Paġna</b> |
|--|--------------|
| MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW .....                               | 3            |
| ANNEX: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL.....                            | 6            |
| NOTA SPJEGATTIVA .....   | 8            |
| ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVIET KONTRIBUT<br>MINGĦANDHOM..... | 10           |
| INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....                        | 11           |
| VOTAZZJONI FINALI B’SEJĦA TAL-ISMIJET FIL-KUMITAT RESPONSABBLI .....                 | 12           |

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il proposta għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati – EGF/2024/000 TA 2024 – Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni  
(COM(2024)0084 – C9 0042/2024 – 2024/0003(BUD))**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2024)0084 – C9-0042/2024),
  - wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>1</sup> (“ir-Regolament dwar il-FEG”),
  - wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>2</sup> kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765<sup>3</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 8 tiegħu,
  - wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>4</sup>, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits (A9-0173/2024),
- A. billi l-Unjoni stabbiliet strumenti leġislattivi u baġitarji biex tipprovdi appoġġ addizzjonali lill-ħaddiema li qed ibatu mill-konsegwenzi tal-globalizzazzjoni u mill-bidliet teknoloġiċi u ambjentali, bħall-bidliet fix-xejriet kummerċjali dinjija, it-tilwim kummerċjali, il-bidliet sinifikanti fir-relazzjonijiet kummerċjali tal-Unjoni jew fil-kompożizzjoni tas-suq intern u l-kriżijiet finanzjarji jew ekonomiċi, kif ukoll it-tranżizzjoni għal ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew tal-awtomatizzazzjoni;
- B. billi l-assistenza tal-Unjoni lill-ħaddiema ssensjati għandha tkun primarjament diretta lejn miżuri ta' politika attiva tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid malajr lill-benefiċjarji f'impjieg deċenti u sostenibbli,

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>2</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024 li jemenda r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2093 li jstabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L, 2024/765, 29.2.2024, ELI: <https://eur-lex.europa.eu/eli/reg/2024/765/oj?locale=mt>).

<sup>4</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 28.

filwaqt li jħejjuhom għal ekonomija Ewropea aktar ekoloġika u aktar diġitali, filwaqt li jitqies kif xieraq il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 fir-rigward tal-adozzjoni ta' deċiżjonijiet biex jiġi mobilizzat il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG);

- C. billi l-Unjoni l-ewwel estendiet il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG biex tipprovdi appoġġ finanzjarju f'każ ta' kwalunkwe avveniment ta' ristrutturar kbir, u b'hekk tkopri l-effetti ekonomiċi tal-kriżi tal-COVID-19;
- D. billi l-adozzjoni tar-Regolament il-ġdid dwar il-FEG fl-2021 kompliet twessa' l-kamp ta' applikazzjoni tal-FEG għal avvenimenti ta' ristrutturar kbar ikkawżati mit-tranżizzjoni lejn ekonomija b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju jew bħala konsegwenza tad-diġitalizzazzjoni jew l-awtomatizzazzjoni, filwaqt li naqqset ukoll il-limitu meħtieġ għall-attivazzjoni tal-FEG minn 500 ħaddiem li ngħataw is-sensja għal 200;
- E. billi r-reviżjoni tal-QFP tnaqqas l-ammont annwali massimu tal-FEG minn EUR 186 miljun għal EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 kif emendat bir-Regolament (UE, Euratom) 2024/765; billi l-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja l-implimentazzjoni tal-FEG u l-Istituzzjonijiet kollha jenħtieġ li jieħdu kwalunkwe miżura meħtieġa biex jiżguraw li t-talbiet ġustifikati kollha għal appoġġ mill-FEG, bħala manifestazzjoni tas-solidarjetà tal-Unjoni, ikunu jistgħu jiġu ssodisfati;
- F. billi l-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG jipprevedi li sa 0,5 % ta' dak l-ammont massimu jista' jsir disponibbli għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni;
- G. billi l-assistenza teknika tista' tikkonsisti minn nefqa teknika u amministrattiva biex jiġi implimentat il-FEG, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll il-ġbir ta' data, inklużi rigward sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew rigward proġetti speċifiċi u miżuri oħra ta' assistenza teknika;
- H. billi l-ammont propost ta' EUR 165 000 jikkorrispondi għal madwar 0,49 % tal-baġit annwali massimu disponibbli għall-FEG fl-2024;
  - 1. Jaqbel mal-mobilizzazzjoni ta' EUR 165 000 u mal-miżuri proposti mill-Kummissjoni li jridu jiġu ffinanzjati bħala assistenza teknika f'konformità mal-Artikolu 11(1) u (4) kif ukoll mal-Artikolu 12(2), (3) u (4) tar-Regolament dwar il-FEG;
  - 2. Jilqa' l-ħidma kontinwa fuq il-proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet tal-FEG u l-ġestjoni li jużaw il-funzjonalitajiet tas-sistema ta' skambju elettroniku ta' data (Sistema Komuni ta' Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi – SFC), li tippermetti s-simplifikazzjoni u l-ipproċessar aktar mgħaġġel tal-applikazzjonijiet kif ukoll rappurtar aħjar;
  - 3. Jieħu nota li l-Kummissjoni se tuża l-baġit disponibbli fl-ambitu tal-appoġġ amministrattiv għall-organizzazzjoni ta' laqgħat tal-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta'

Kuntatt tal-FEG (żewġ membri minn kull Stat Membru) u ta' seminar wieħed bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u s-sħab soċjali sabiex jiġi promoss in-networking fost l-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tistieden b'mod sistematiku lill-Parlament għal dawn il-laqgħat u s-seminars, skont id-dispożizzjonijiet rilevanti tal-Ftehim Qafas dwar ir-relazzjonijiet bejn il-Parlament u l-Kummissjoni.

4. Jistieden lill-Kummissjoni tadatta l-aħjar Prattiki li ġew żviluppati matul iż-żminijiet tal-pandemija tal-COVID-19, b'mod partikolari miżuri li jistgħu jgħinu biex titħaffef tranżizzjoni ekoloġika u diġitali inklużiva u jappoġġjaw il-prijoritajiet ewlenin tal-Unjoni, bħall-ugwaljanza bejn il-ġeneri;
5. Jissottolinja l-hteġa li s-sensibilizzazzjoni ġenerali u l-viżibbiltà tal-FEG ikompli jissaħħu; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li tali għan jista' jintlaħaq billi l-FEG ikun inkluż f'diversi pubblikazzjonijiet u attivitajiet awdjoviżivi tal-Kummissjoni kif previst fl-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG; jilqa', f'dan il-kuntest, il-manutenzjoni tas-sit web iddedikat għall-FEG u jistieden lill-Kummissjoni taġġornah u tespandih b'mod regolari, sabiex iżżid il-viżibbiltà tas-solidarjetà Ewropea murija mill-FEG lill-pubbliku ġenerali u żżid it-trasparenza tal-azzjoni tal-Unjoni;
6. Ifakkar lill-Istati Membri applikanti dwar ir-rwol ewlieni tagħhom li jippubbliċizzaw b'mod wiesa' l-azzjonijiet iffinanzjati mill-FEG lill-benefiċjarji, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, lis-sħab soċjali, lill-media u lill-pubbliku ġenerali fil-mira, kif stabbilit fl-Artikolu 12 tar-Regolament dwar il-FEG;
7. Japprova d-deċiżjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni;
8. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma din id-deċiżjoni flimkien mal-President tal-Kunsill u biex tiżgura li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;
9. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni, flimkien mal-anness tagħha, lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## **ANNES: DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

### **dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (EGF/2024/000 TA 2024 – Assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni)**

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) 2021/691 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' April 2021 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(1), l-ewwel subparagrafu, tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji ta' baġit u dwar ġestjoni finanzjarja tajba, kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) għandu l-għan li juri solidarjetà u li jippromwovi impjieġ deċenti u sostenibbli fl-Unjoni billi jipprovdi appoġġ għall-ħaddiema ssensjati u għal dawk li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet fil-każ ta' avvenimenti kbar ta' ristrutturar u jgħinhom jirritornaw għal xogħol deċenti u impjieġ sostenibbli mill-aktar fis possibbli.
- (2) Il-FEG ma jistax jaqbeż l-ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (fi prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093<sup>3</sup>.
- (3) Ir-Regolament (UE) 2021/691 jipprevedi li kull sena jista' jintuża massimu ta' 0,5 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG għall-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.
- (4) Din l-assistenza hija meħtieġa biex jiġu ssodisfati l-obbligi fl-implimentazzjoni tal-FEG kif imposti mill-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2021/691, b'mod partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ u l-għbir ta' data kif ukoll l-attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jtejbju l-viżibbiltà tal-FEG.
- (5) Għalhekk, il-FEG għandu jiġi mobilizzat sabiex jipprovdi s-somma ta' EUR 165 000 għall-assistenza teknika fuq inizjattiva tal-Kummissjoni.

<sup>1</sup> ĠU L 153, 3.5.2021, p. 48.

<sup>2</sup> ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 29.

<sup>3</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 11).

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni stabbilit għas-sena finanzjarja tal-2024, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati għandu jiġi mobilizzat biex jipprovdi l-ammont ta' EUR 165 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew*  
*Il-President*

*Għall-Kunsill*  
*Il-President*

## NOTA SPJEGATTIVA

### I. Sfond

Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni nħoloq biex jipprovdi assistenza addizzjonali lill-ħaddiema li jkunu qed ibatu l-konsegwenzi ta' bidliet strutturali kbar fl-  
andament tal-kummerċ dinji.

Skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027<sup>4</sup>, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta' Frar 2024<sup>5</sup>, il-Fond ma jistax jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018).

F'konformità mal-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020, il-Kummissjoni hija meħtieġa, wara l-valutazzjoni pożittiva ta' applikazzjoni, tressaq proposta biex timmobilizza l-Fond lill-awtorità baġitarja u tikkomplementaha b'talba korrispondenti għal trasferiment fil-linji baġitarji rilevanti.

### II. Il-proposta tal-Kummissjoni

Fid-29 ta' Frar 2024, il-Kummissjoni adottat proposta ġdida għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG.

Din tikkonċerna l-mobilizzazzjoni ta' EUR 165 000 mill-Fond, li jkopru l-assistenza teknika għall-Kummissjoni. L-objettiv tal-assistenza teknika huwa li tiffinanzja n-nefqa teknika u amministrattiva biex jiġi implimentat il-FEG, bħal attivitajiet preparatorji, ta' monitoraġġ, ta' kontroll, ta' awditjar u ta' evalwazzjoni, kif ukoll il-ġbir ta' data, inklużi rigward sistemi tat-teknoloġija tal-informazzjoni korporattiva, attivitajiet ta' komunikazzjoni u dawk li jsaħħu l-viżibbiltà tal-FEG bħala fond jew rigward proġetti speċifiċi u miżuri oħra ta' assistenza teknika. F'konformità mal-Artikolu 11(1) tar-Regolament dwar il-FEG, massimu ta' 0,5 % tal-ammont annwali massimu tal-FEG jista' jkun disponibbli kull sena għal assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni.

L-ammont mitlub ta' EUR 165 000 jirrappreżenta madwar 0,49 % tal-ammont massimu annwali tal-FEG u huwa maħsub biex ikopri l-attivitajiet li ġejjin:

1. Laqgħat tal-Grupp ta' Esperti: Il-Grupp ta' Esperti tal-Persuni ta' Kuntatt tal-FEG, b'żewġ membri minn kull Stat Membru, se jorganizza l-laqgħat regolari tiegħu fl-2024 (laqgħa virtwali waħda u waħda fil-preżenza). Il-PE għandu jkun mistieden jattendi l-laqgħat skont il-qafas leġiżlattiv attwali.
2. Seminar ta' networking: Barra minn hekk, sabiex jiġi promoss in-networking fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni se torganizza seminar wieħed bil-parteċipazzjoni tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FEG u s-sħab soċjali. Il-PE għandu jkun mistieden jattendi l-laqgħat skont il-qafas leġiżlattiv attwali.
3. Sistema ta' skambju elettroniku ta' data: Il-Kummissjoni qed tkompli l-ħidma tagħha fuq proċeduri standardizzati għall-applikazzjonijiet u l-ġestjoni ta' każijiet tal-FEG,

---

<sup>4</sup>ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15.

<sup>5</sup> ĠU L 29.2.2024



permezz tal-funzjonalitajiet tas-Sistema Komuni ta' Ġestjoni Kondiviża tal-Fondi (SFC). Dan jippermetti li l-applikazzjonijiet skont ir-Regolament dwar il-FEG jiġu ssimplifikati, l-i-proċessar tagħhom jitħaffef u diversi rapporti jiġu estratti aktar faċilment. L-interfaċċa tal-SFC qed tiffaċilita wkoll l-operazzjonijiet finanzjarji tal-FEG. Dan jinkludi b'mod partikolari: (1) Manutenzjoni tal-moduli tal-applikazzjoni u tar-rapport finali tal-SFC 2014-2020 għall-għeluq tal-każijiet għall-FEG 2014-2020; (2) Żvilupp ulterjuri tal-interfaċċa tal-FEG 2021-2027 fl-SFC, b'mod partikolari funzjonalitajiet u aġġustamenti ġodda biex l-SFC tiġi allinjata mar-rekwiżiti tar-Regolament dwar il-FEG 2021-2027.

4. Monitoraġġ u ġbir ta' data: Il-Kummissjoni se tiġbor data dwar l-applikazzjonijiet li jkunu waslulha, dawk li jkunu ġew iffinanzjati u dawk magħluqa, u dwar il-miżuri proposti u implimentati. Din id-data se tkun disponibbli fuq is-sit web u se tkun kompilata f'format xieraq għar-rapporti biennali futuri.

### **III. Il-proċedura**

Sabiex timmobilizza l-Fond, il-Kummissjoni ppreżentat lill-Awtorità Baġitarja talba ta' trasferiment għal ammont globali ta' EUR 165 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn mir-riżerva tal-FEG (linja baġitarja 30 04 02), u EUR 165 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament mil-linja operattiva tal-FEG (16 02 02), għal-linja baġitarja tan-nefqa għall-appoġġ tal-FEG (16 01 01).

Skont ftehim intern fi ħdan il-Parlament Ewropew, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u l-Kumitat dwar il-Politika Reġjonali għandhom jiġu assoċjati fil-proċess sabiex joffru appoġġ kostruttiv u jagħtu kontribut għall-valutazzjoni tal-applikazzjonijiet mill-Fond.

## **ANNEX: ENTITAJIET JEW PERSUNI LI R-RAPPORTEUR IRĊEVJET KONTRIBUT MINGĦANDHOM**

Ir-rapporteur tiddikjara, taħt ir-responsabbiltà esklużiva tagħha, li ma rċeviet l-ebda kontribut minn entità jew persuna li jrid jissema f' dan l-Anness f' konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

|   |   |
|---|---|
| <b>Data tal-adozzjoni</b>   | 8.4.2024  |
| <b>Riżultat tal-votazzjoni finali</b>                                       | +: 23<br>-: 0<br>0: 1   |
| <b>Membri preżenti għall-votazzjoni finali</b>                              | Rasmus Andresen, Olivier Chastel, Andor Deli, Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Alexandra Geese, Eero Heinäluoma, Hervé Juvin, Joachim Kuhs, Pierre Larroustou, Margarida Marques, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Eleni Stavrou, Nils Torvalds, Nils Ušakovs |
| <b>Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali</b>                           | Anna-Michelle Asimakopoulou, Herbert Dorfmann, Jan Olbrycht   |
| <b>Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali</b> | Karolin Braunsberger-Reinhold, Petra Kammerevert, Wolfram Pirchner, Dominique Riquet, Mounir Satouri  |

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET  
FIL-KUMITAT RESPONSABBLI**

|           |  |
|-----------|--|
| <b>23</b> | <b>+</b>   |
| NI        | Andor Deli, Hervé Juvin  |
| PPE       | Anna-Michelle Asimakopoulou, Karolin Braunsberger-Reinhold, Herbert Dorfmann, Siegfried Mureşan, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Wolfram Pirchner, Eleni Stavrou |
| Renew     | Olivier Chastel, Dominique Riquet, Nils Torvalds   |
| S&D       | Pascal Durand, Eider Gardiazabal Rubial, Eero Heinäluoma, Petra Kammerevert, Pierre Larrourou, Margarida Marques, Nils Ušakovs                                 |
| Verts/ALE | Rasmus Andresen, Alexandra Geese, Mounir Satouri   |

|          |          |
|----------|----------|
| <b>0</b> | <b>-</b> |
|          |          |

|          |              |
|----------|--------------|
| <b>1</b> | <b>0</b>     |
| ID       | Joachim Kuhs |

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni